



Brussell, 2 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15625/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0334(NLE)

CLIMA 545
ENV 1244
ENER 601
TRANS 560
ECOFIN 1538
COMPET 1188
IND 515
MI 926
AELE 102
CH 56

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ndan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi I tal-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera
dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti
tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi I tal-Ftehim**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240¹.
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (3) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 12(1) tal-Ftehim (il-“Kumitat Konġunt”) jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (4) L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2240/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43 tas-16.2.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/219/oj>).

- (5) Huwa xieraq li terġa' tinkiseb il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għall-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni u tal-Konfederazzjoni Żvizzera wara r-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ permezz tad-Direttivi (UE) 2023/958⁴ u (UE) 2023/959⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (6) Il-Kumitat Konġunt, waqt it-tmien laqgħa tiegħu, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, mistenni jadotta Deċiżjoni li temenda l-Anness I tal-Ftehim. Dik id-Deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

³ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/958/oj>).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj>).

- (7) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-emenda tal-Anness I tal-Ftehim.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż, sabiex jinżammu l-kompatibbiltà u l-integrità tas-suq taż-żewġ sistemi tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra konnessi u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Fehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom waqt it-tmien laqgħa tiegħu, jew qabel permezz tal-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, fir-rigward tal-emenda tal-Anness I ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
